MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Numru. 865/2008

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Dahmo Ademovic, iben Fahrudin, imwieled il-Bosnia fl-4 ta’ Marzu, 1991, Karta ta’ l-Identita numru 32035A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta’ bejn it-18 u id-19 ta’ Diċembru, 2007 f’xi ħin ġewwa Buġibba, San pawl il-Baħar ikkometta serq ta’ ħwejjeġ tal-valur ta’ aktar minn €233 iżda anqas minn €2,330 liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta’ Nicola u Gaetano Romano;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara li tammonta għal aktar minn

€233 iżda anqas minn €2,330 għad-dannu ta' Nicola u Gaetano Romano.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li d-danni kollha jħlaħħqu l-valur ta' €500.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar, 2012 fejn l-imputat seduta stante ħallas is-somma ta' €500 għas-saldu tal-pendenzi kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, il-fatt li l-imputat kien minuri meta ġara l-każ u li l-imputat ħallas id-danni. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------